MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2011

Appell Civili Numru. 42/1983/1

**Joseph Pitre`**

**v.**

**Teddy Rapa**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan hu appell minn decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri, Gurisdizzjoni Generali fis-

7 ta’ Novembru 2008 fil-kawza fl-ismijiet premessi li fiha gie deciz hekk:

“Ghal dawn il-motivi tiddeciedi l-kawza billi, filwaqt illi tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti, tilqa’ l-eccezzjoni ulterjuri tieghu u tiddikjara illi l-bejgh ta’ erbatax(14)-il folja li kien fadal ghand il-konvenut, kien gie xolt. Ghaldaqstant tilqa’ biss *in parte* t-talba tal-attur, u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma ta’ mija u disgha u hamsin Lira Maltija u tnejn u tmenin centezmu (Lm150.82) pari illum ghal tlett mija, tnejn u sebghin Ewro u tmienja u tletin centezmu (€372.38), rapprezentanti l-bilanc dovut minnu ghall-folji tal-irham mixtrija minghand l-attur u li lahaq hadem, inkluz l-interessi relattivi *a scaletta* sal-ewwel ta’ Gunju 1983.

“Bl-imghaxijiet ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv kontra l-istess konvenut.

“L-ispejjez tal-kawza, fic-cirkostanzi jithallsu kwantu ghal kwart ($^{1}/_{4}$) mill-konvenut u tliet kwarti ($^{3}/_{4}$) mill-attur innifsu.”

**<u>L-Appell tal-Attur</u>**

2. L-attur Joseph Pitre` hassu aggravat bis-sentenza surreferita u interpona appell minnha, ghal fini ta’ revoka, bl-akkoljiment tat-talbiet tieghu.

L-aggravji tal-attur jistghu jigu sintesizzati kif gej:

(i) illi l-konvenut appellat naqas milli jintavola l-azzjoni appozita, jigifieri l-azzjoni redibitorja, u kwindi huwa m’ghandu l-ebda difiza ghat-talba tal-hlas tal-bilanc dovut lill-attur;

(ii) l-ewwel Qorti skartat ghal kollox dak li gie relatat mill-perit legali inkluzi l-konsiderazzjoni li dan ghamel fil-konfront tal-konvenut li ffrustra kull attentat biex l-attur jiehu lura l-irham u jbieghu lit-terz, u lanqas iddepozitah biex jezimi ruhu minn kull htija;

(iii) bla pregudizzju ghas-suespost, il-bejgh tal-irham lit-terz ma kienx gie 'kompletat', u dan bil-maqlub ta' dak li erronjament gie ritenut mill-ewwel Qorti. Fil-fatt, ir-relazzjoni ta' negozju mat-terz qatt ma giet ipperfezzjonata;

F'dan il-kaz ma sehhet l-ebda novazzjoni ghax kienet nieqsa l-intenzjoni specifika tal-partijiet li din issir. La darba d-debitur il-gdid, Salvu Ellis, ma giex imqieghed flok il-qadim, jigifieri l-konvenut, ma sehhitx novazzjoni. Barra minn dan, l-obligazzjoni originali bejn il-partijiet ma gietx maqtula.

**<u>Ir-Risposta tal-Appellat</u>**

3. Il-konvenut appellat wiegeb, fil-qosor, kif ser jinghad:

i). Dwar l-ewwel aggravju, jirrizulta li effettivament il-Qorti tal-ewwel grad cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut in kwantu hija rriteniet li jekk kien hemm difetti mohbija l-konvenut kien messu agixxa kontra l-attur b'azzjoni *ad hoc* dik redibitorja, u mhux *per via* ta' semplici eccezzjoni.

Ghalhekk hawn mhux il-kaz li jappella minn dan l-appellant li ottjena parti mill-gudikat favurieh.

ii). Dwar it-tieni aggravju, l-appellat jissottometti li l-htiega li jsir depozitu tal-irham *de quo* ma tghoddx ghal dan il-kaz ghax il-bejgh gie rexiss bi ftehim bejn il-partijiet u ghalhekk ma baqax aktar jezisti.
iii). Dwar it-tielet aggravju, hemm provi cari li juru li l-ftehim ta' bejgh originali bejn l-attur u l-konvenut inbidel. Il-partijiet ftehmu li l-irham li dwaru saret oggezzjoni kellu jigi ritornat lill-attur. Issa jekk il-ftehim li in segwitu ntlahaq bejn l-attur u t-terz (li kellu jixtrih hu l-irham in kwistjoni), baqa' ma giex attwat ghall-konvenut dan kollu ma jaffettwahx billi kien jammonta ghal *res inter alios acta*. La l-bejgh gie xolt, l-attur ma setax jagixxi kontrih b'kawza bbazata fuq il-bejgh.

**<u>Konsiderazzjonijiet tal-Qorti</u>**

4. Fl-ewwel lok, din il-Qorti thossha fid-dover li turi d-dizappunt taghha ghall-fatt li kawza fuq partita ta' rham u hlas ta' bilanc ta' flus f'ammont diskret ilha pendenti issa ghal diversi snin. Minn qari tal-atti tal-process, ghandu jirrizulta li dan kien gej min-nuqqasijiet kemm tal-partijiet kemm ukoll tal-Qorti tal-ewwel grad li m'gharfitx trazzan tempestivament u kif suppost il-hela ta' zmien biex il-kawza tigi determinata ferm qabel. Dan il-*modus operandi* m'ghandux ikun u l-Qorti tiddeplorah bla rizerva.

5. Bhala sfond tal-fatti jirrizulta li l-attur kien biegh kwantita` ta' rham lill-konvenut, li kien jirrisjedi fil-gzira ta' Ghawdex. Il-konvenut hallas xi ammonti akkont mis-somma dovuta ghal dan il-bejgh pero` qanqal oggezzjoni dwar parti mill-konsenja billi allega li numru ta' folji kien jikkonsisti f'materjal difettuz. L-attur xehed li mhux minnu li kien hemm difetti, filwaqt li l-konvenut xehed bil-maqlub u anke insista li tant dan kien minnu, li l-attur sahansitra ghaddielu xi acidu likwidu biex jintuza fuq l-irham u b'hekk jitnehha d-difett (speci ta' tbajja tas-sadid) lamentat minnu.

Biex jissolva l-intopp li nqala', <u>l-attur ftiehem mal-konvenut</u> li l-attur stess jirtira l-irham *de quo* mill-pussess tal-konvenut u dan ukoll ghaliex fil-frattemp <u>l-attur ftiehem ma' certu Salvu Ellis</u> li l-folji ta' rham in kwistjoni jixtrihom dan tal-ahhar. Fil-fatt, Salvu Ellis, prodott bhala xhud tieghu mill-attur, ikkonferma mhux biss dan kollu imma anzi xehed ukoll li kien ghadu pront li jircievi l-irham li xtara u jhallas lill-attur il-prezz li ftiehem mieghu dwaru.

Gara li, ghal xi raguni li, bhal fil-kaz tal-allegat difetti, baqghet ma gietx iccarata b'mod konvincenti, dan l-irham baqa' fil-pussess tal-konvenut bil-kontendenti jwahhlu f'xulxin dwar ta' min kienet il-htija, u bit-terz (Salvu Ellis) jghid li lanqas baqa' jiftakar x'kienet ir-raguni l-ghala l-irham ma giex mehud minnu. L-attur jghid li l-konvenut beda jittrateni u jaghmilha difficli biex din l-operazzjoni (li kienet tinvolvi xi haga aktar minn tqandil bl-idejn) ta' rikonsenja ssir, filwaqt li l-konvenut jghid u jwahhal fl-attur billi dan ippretenda li kollox isehh wara preavviz qasir. Il-

fatt hu li l-irham baqa’ ghand il-konvenut, ma giex iddepozitat, u prezummibilment hemm ghadu billi tant ghadda zmien.

6. Quddiem tali *impasse*, is-sens komun kien jindika li *rebus sic stantibus*, jekk mhux anke b’sostenn mill-Qorti, li jinstab il-mezz biex l-irham jigi rtirat minghand il-konvenut u moghti lit-terz, li baqa’ sal-ahhar jghid li kien pront jonera l-ftehim li kellu dwaru mal-attur, u *se mai* jibqa’ impregudikat il-kapo spese u forsi l-kwistjoni l-ohra rigwardanti hlas ta’ imghax. Izda l-kontendenti minflok, ippreferew it-triq tal-litigju *ad oltranza.* Tqabbad perit legali li ha s-snin biex ipprezenta rapport, warajh intalbet in-nomina ta’ periti addizzjonali li wkoll hadu tant zmien biex jikkonkludu sakemm gara li l-Magistrat sedenti spicca ghadda biex jaqta’ l-kawza minghajrhom. F’incident minnhom, il-konvenut, tramite l-legali tieghu, talab ir-rikuza tal-perit tekniku, li kien mar jara l-irham minn Malta ghal Ghawdex, ghax jghid li lemhu jiehu l-kafe` mal-parti l-ohra, wara li gie kondott l-access u qabel ma dan irritorna Malta.

7. Issa l-ironija hi li, minkejja li sehhew dawn il-fatti, il-mod kif giet deciza l-kawza u kif inhu intavolat l-appell tal-attur, ir-rizoluzzjoni tal-vertenza llum hija pjuttost wahda ta’ indole legali milli fattwali.

8. Dwar l-ewwel aggravju, din il-Qorti hija tal-fehma li dak li gie sottomess mill-appellat jaghmel sens. Darba li l-ewwel Qorti esprimiet ruhha in kwantu rriteniet li l-konvenut ma setax jaqbad u jeccepixxi li kien hemm difetti latenti u ma jiehux l-azzjoni appozita dwarhom biex iwaqqa’ l-bejgh, allura dan kien ifisser ukoll li l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut kienet bla sostenn. Ghalhekk isegwi li ma kienx il-kaz ta’ appell dwarha min-naha tal-attur. Naturalment, dan seta’ sar biex l-attur seta’ jsostni wkoll il-punt, wiehed legali, li darba li l-konvenut baqa’ jzomm ghandu l-irham u ma ghaddiex biex jiddepozitah biex b’hekk jezimi ruhu minn kull responsabbilta`, huwa lanqas seta’ f’kull kaz jghaddi ghall-azzjoni redibitorja.

Madankollu, anke jekk dan ir-ragjonament hu korrett, il-fatt jibqa’ li l-kawza giet proprjament deciza <u>a bazi tal-</u>

<u>eccezzjoni ulterjuri</u>, jigifieri il-bejgh kien gie xjolt wara ftehim milhuq bejn l-attur u l-konvenut, u ghalhekk dan l-ewwel aggravju, kif dedott, huwa infondat u qieghed jigi respint.

8. Dwar it-tieni aggravju, filwaqt li huwa minnu li l-ewwel Qorti ghazlet li tiddipartixxi ghal kollox minn dak li kien irrelata u kkonkluda l-perit legali – fakolta` moghtija lilha *ex lege*, fl-istess waqt ghandu jinghad li din il-Qorti m'hijiex daqstant konvinta, bhalma jidher li hu l-appellant, li l-htija ghan-nuqqas ta' rikonsenja tal-irham sehhet tort tal-konvenut u tieghu biss. Din il-prova kienet tispetta l-aktar lill-attur izda ma gietx sufficjentement maghmula. Ghamel tajjeb l-attur li sab lil terz biex, *a sua volta* jixtri hu l-irham *de quo*, imma b'daqsehkk messu fittex li jkun ragjonevoli billi jsib il-hin u l-mod opportun kif dan l-irham seta' jittiehed mill-pussess tal-konvenut darba ghal dejjem. Il-konvenut, wara kollox, kien fl-interess tieghu li "jehles" minn dawn il-folji irham u ma kien hemm assolutament ebda raguni l-ghala kellu jzomm lill-attur jew lit-terz milli jigi ghandu u jehodhom. Il-fatt, imbaghad, li t-terz jixhed li ma baqax jiftakar sewwa sew x'wassal ghal din l-inadempjenza, pjuttost tkompli ddghajjef, aktar milli ssahhah, il-verzjoni tal-fatti kif moghtija mill-attur.

Ghalhekk it-tieni aggravju qieghed jigi michud.

9. Dwar it-tielet u l-ahhar aggravju, l-aktar wiehed attinenti ghal dak li gie attwalment deciz mill-ewwel Qorti, l-appellant jinsisti li l-ftehim li lahaq ma' Salvu Ellis dwar l-imsemmija partita ta' irham ma kienx gie "ipperfezzjonat". Bir-rispett kollu pero`, anke jekk ghall-grazzja tal-argument dan kien tassew hekk (il-provi juru xort'ohra ghaliex it-terz jghid bla tlaqliq li l-irham <u>xtrah</u> hu), din kienet *'res inter alios acta'* fil-konfront tal-konvenut. Pero`, apparti dan, lanqas ma jista' jinghad li l-bejgh bejn l-attur u t-terz ma sehhx ghaliex kulma tirrikjedi vendita hija sewwa sew l-intiza bejn l-oggett u prezzu. Issa jekk din it-transazzjoni, li sehhet ukoll bil-konsapevolezza pjena tal-konvenut ghax hu gie debitament imqieghed a konoxxenza ta' dan in-negozju mill-attur, ma gietx konkjuza minhabba li l-irham baqa' fil-pussess tal-

konvenut, dan ma kienx ifisser li l-bejgh originali ma kienx gie xjolt fir-rigward ta’ dik il-partita irham li dwarha oggezzjona l-konvenut.
Darba li gie xjolt il-bejgh, ikun ghalhekk kollu inutli ghall-attur li jibqa jinsisti fuq hlas tal-bilanc kif jissemma’ fl-att promotorju. Jekk tassew l-irham baqa’ fil-pussess tal-konvenut tort tieghu allura, (kif tajjeb qalet il-Qorti tal-ewwel grad fis-sentenza appellata) l-attur messu agixxa kontra l-konvenut b’azzjoni differenti u mhux dik in dizamina.

Ghalhekk dan l-aggravju qieghed, bhal ta’ qablu, jigi respint.

Ghal dawn il-motivi;

Tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma *in toto* s-sentenza appellata, tichad l-appell tal-attur bl-ispejjez ta’ dan l-appell unikament a karigu tieghu.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------